MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 13/2014

**Simone de Brincat**

**Lydia Vella**

**Marcette de Brincat**

**vs**

**Gunnar Ralph Pottag**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi huma jikru lill-intimat l-fond li jinsab numru sebgha u hamsin (57) u disgha u hamsin (59) Triq il-Kapucini l-Furjana permezz ta' kuntratt ta' kirja tas-6 ta' Settembru, 2006 kopja annessa u mmarkata Dok A.

Illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat mill-esponenti permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Awissu, 2013 u anke permezz ta' ittra ufficjali ta' Settembru 2012, l-intimat baqa ma hallasx l-kera dovuta u dan ghal aktar minn skadenza wahda. Dok B u Dok C kopja legali tal-ittri ufficjali.

Illi l-intimat ilu ma jhallas kera mis-sena 2012 u ghandu jaghti kera sallum l-ammont ta' tlett elef disgha mija u hamsa u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3965.72c).

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu:-

1. Jawtorriza r-ripresa tal-fond li jinsab 57-59 Triq il-Kapuccini l-Furjana minghand l-intimat u

2. Jipprefiggi lill-parti intimata li jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju;

3. Jordna lill-intimat ihallas l-arretrati ta' kera dovuta ta' tlett elef disgha mija u hamsa u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3965.72c) immedjatament.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni inkluzi dawk tal-ittri ufficjali hawn fuq imsemmija;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza ghar-ripreza ta’ fond bazata fuq il-morozita’ fil-hlas tal-kera dovuta lir-rikorrenti mill-intimat ghall-fond lilu. Dan huwa wiehed mid-doveri principali tal-kerrej u li kontra tieghu tezisti s-sanzjoni tal-izgombru kif ravvizata fl-artikolu 9(a) tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

L-intimat naqas milli jidher sabiex jirregistra opposizzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti jew li almenu joffri spjegazzjoni ghan-nuqqas tieghu li jottempora mal-obbligu li jhallas il-kera;

Il-Bord wara li ra illi l-intimat kien debitament notifikat b’talbiet appoziti sabiex ihallas l-kera dovuta huwa tal-fehma illi hemm l-akkampata morozita’ kif sancita fil-fuq citat artikolu;

Ghal dawn il-motivi l-Bord qed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgombru qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------